# L-AVVENT - ŻMIEN TA' STENNIJA



### *Riflessjonijiet misluta mill-kittieb Anselm Grünn*

L-istennija hija l-atteġjament li għalih jimbuttana f' kull mument iż-żmien ta' l-Avvent.
"Kunu bħal dawk li jistennew lil sidhom ġej mill-festa tat-tieġ, biex malli jasal u jħabbat, jiftħulu" (Lq 12,36)... jew lill-għarus innifsu, kif deskritt fil-parabbola tax-xebbiet għaqlin u boloħ (cfr. Mt 25, 1).
L-istennija twelled fil-bniedem tensjoni pożittiva. Min jistenna ma jgħaddix iż-żmien fid-dwejjaq imma hu orjentat lejn objettiv...
U l-objettiv ta' l-istennija tagħna fl-Avvent huwa festa, il-festa ta' l-umanizzazzjoni tagħna, ta' l-awtorealizzazzjoni tagħna, tad-dħul tagħna f'unjoni ma' Alla.

Il-kelma "tistenna tgħasses", tindika propjament : "toqgħod fit-torri ta' l-għassa". U t-torri ta' l-għassa hu il-post ta' l-osservazzjoni, tas-sahra... Tistenna tindika allura toqgħod attent jekk hux ġej xi ħadd, tosserva dak kollu ta' madwarek li ġej lejk. L-istennija tipprovoka dawn iż-żewġ atteġġjamenti fina: it-twessiegħ tal-ħarsa u l-attenzjoni għall-mument, għall-mod ta' għajxien li qiegħdin ngħixu, għall-persuni li magħhom qiegħdin nitkellmu. L-istennija twessa' l-qalb. Meta qed nistenna, nintebaħ li m'iniex biżżejjed għalija nnifsi. Kull wieħed min jafu dan... meta qeda tistenna ħabib jew ħabiba. Kull sekonda tħares lejn l-arloġġ biex tara jekk wasalx il-ħin.
Fl-istennija noħorġu minna nfusna u nersqu lejn dak li jmiss lil qalbna, li jġiegħlha tħabbat b' iktar qawwa.

Illum ħafna ma jirnexxielhomx jistennew. Jgħixu ż-żmien ta' l-Avvent mhux bħala żmien ta' stennija, imma diġa bħala Milied li għadda.
Il-bniedem tilef is-sabar fl-istennija... irid kollox immedjatament u allura sar dipendenti minn kull bżonn tiegħu. L-istennija fiha l-gost tagħha, tagħmilna liberi minn ġewwa għax fl-istennija qalbna titwessa u titgħallem tingħata. Kif tħossok meta qed tistenna persuna li tħobb? Bħal tidħol xi ħaġa ġdida f'ħajtek... bħal meta tirċievi rigal. Għall-ħsieb biss ta' dik il-persuna timtela bil-ferħ. Tħossok ħaj. Jikbru fik sentimenti qawwija. Ftakar imma li fl-aħħar mill-aħħar mhux biss int tistenna. Int stess mistenni. Kif tħossok, meta oħrajn jistennewk, meta Alla jistenniek?

Iż-żmien ta' l-Avvent jistiednek twessa' lil qalbek fl-istennija u tqum fuq saqajk għaliex xi ħadd qed jistenniek! Għax int għalih tiswa ħafna!

## *It-Talba tal-ġimgħa*



***Mulej Ġesu', Inti dejjem l-Messija li ġej biex issalvani. Jiena l-ħin kollu għandi bżonn is-salvazzjoni tiegħek, minħabba d-djufija tiegħi. Għinni biex ma noħloqx toroq li bihom naħrab minnek, imma nimxi dejjem fit-triq id-dritta tal-liġi tiegħek.***




It-Tieni Ħadd tal-Avvent tas-Sena A - Id-39 Sena (2020) 9 ta' Diċembru 2007

# *Ħejju t-Triq tal-Mulej!*



**Mill-Vanġelu ta' San Mattew. Mt. 3, 1-12**

F'dawk il-jiem deher Ġwanni l-Battista jippritka fid-deżert tal-Lhudija u jgħid: "Indmu, għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet". Għax għalih kien ingħad permezz tal-profeta Isaija, meta qal, "leħen ta' wieħed jgħajjat fid-dezert: ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mgħodijiet tiegħu"…
U kienet tmur għandu Ġerusalem u l-Lhudija kollha u l-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan, u jitgħammdu fix-xmara Ġordan huma u jistqarru dnubiethom. "Jiena ngħammidkom bl-ilma imma min ġej warajja jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu".

## RIFLESSJONI:

- Ġwanni ġie bħala leħen biex iħejji it-triq għall-Ġesu' : il-Kelma ħajja.
- Ġwanni qed jiftaħ il-bieb biex jidħol Ġesu' li tant kien ilu mistenni mill-bnedmin
- Din il-Kelma turina li ħajjitna hija stennija kontinwa biex tiltaqa' ma' Ġesu'.
- It-triq li wriena Ġesu' hija dritta, imma irid niddrittaw it-toroq li ħloqna aħna biex naħarbu l-pjan t'Alla.
- Ġwanni kien igħammed fl-ilma fejn kienet tinżel l-umanita' midinba, imma Ġesu' kellu jgħammed fl-Ispirtu li jagħti ħajja ġdida ta' mħabba, li ssaffina, għax hija l-imħabba t'Alla.
- Dan iż-żmien qaddis ta' l-Avvent qed jistiednek tiġġedded biex tiltaqa' ma' Ġesu'.
- Ara xi triqat ħloqt biex taħrab minn Alla u erġa aqbad it-triq id-dritta.